Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

P9_TA(2020)0223

Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (COM(2020)0022 – C9-0007/2020 – 2020/0006(COD)) [1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 385/32)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-qafas regolatorju li jirregola l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi ***u*** l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti billi jikkonċentra l-finanzjament tal-Unjoni fuq objettivi ekoloġiċi. Dan ir-Regolament jimplimenta waħda mill-prijoritajiet stipulati fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ("il-Patt Ekoloġiku Ewropew") ([11]) u huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli ([12]) li jipprovdi finanzjament iddedikat taħt il-Mekkaniżmu ***ta'*** Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-ispejjeż ekonomiċi u ***soċjali*** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ***ekoloġika*** u ***newtrali għall-klima***, fejn kwalunkwe bilanċ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiġi kkumpensat minn assorbimenti ekwivalenti.	(1) Il-qafas regolatorju li jirregola l-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi***, billi jillimita ż-żieda fit-temperatura globali għal taħt il-1,5 °C,*** l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ***u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** billi jikkonċentra l-finanzjament tal-Unjoni fuq objettivi ekoloġiċi. Dan ir-Regolament jimplimenta waħda mill-prijoritajiet stipulati fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ("il-Patt Ekoloġiku Ewropew") ([11]) u huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli ([12]) li jipprovdi finanzjament iddedikat taħt il-Mekkaniżmu ***għal*** Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-ispejjeż ekonomiċi***, soċjali*** u ***ambjentali*** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ***newtrali għall-klima*** u ***ċirkolari***, fejn kwalunkwe bilanċ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiġi kkumpensat minn assorbimenti ekwivalenti***, filwaqt li jitqies l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19***.

([11]) COM(2019)0640, 11.12.2019
([12]) COM(2020)0021, 14.1.2020.

([11]) COM(2019)0640, 11.12.2019
([12]) COM(2020)0021, 14.1.2020.

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0135/2020).

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u l-ekonomija ċirkolari tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi ta' politika l-aktar importanti għall-Unjoni. Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li sal-2050 tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali se tkun ta' benefiċċju għal kulħadd fuq terminu twil u tipprovdi opportunitajiet u sfidi għal kulħadd fuq terminu medju, mhux ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha se jibdew it-tranżizzjoni tagħhom mill-istess punt jew għandhom l-istess kapaċità ta' rispons. Xi wħud huma aktar avvanzati minn oħrajn, filwaqt li t-tranżizzjoni tinvolvi impatt soċjali u ekonomiku usa' għal dawk ir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-fjuwils fossili – speċjalment il-faħam, il-linjite, il-pit u x-shale bituminuż – jew fuq industriji b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. Sitwazzjoni bħal din mhux biss toħloq ir-riskju ta' tranżizzjoni b'pass varjabbli fl-Unjoni fir-rigward tal-azzjoni klimatika, iżda wkoll ta' disparitajiet dejjem akbar bejn ir-reġjuni, li huwa ta' detriment għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali.	(2) It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u l-ekonomija ċirkolari tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi ta' politika l-aktar importanti għall-Unjoni. Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li sal-2050 tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali se tkun ta' benefiċċju għal kulħadd fuq terminu twil u tipprovdi opportunitajiet u sfidi għal kulħadd fuq terminu medju, mhux ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha se jibdew it-tranżizzjoni tagħhom mill-istess punt jew għandhom l-istess kapaċità ta' rispons. Xi wħud huma aktar avvanzati minn oħrajn, filwaqt li t-tranżizzjoni tinvolvi impatt soċjali, ekonomiku u ***ambjentali*** usa' għal dawk ir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-fjuwils fossili – speċjalment il-faħam, il-linjite, il-pit ***għall-użu tal-enerġija*** u x-shale bituminuż – jew fuq industriji b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. Sitwazzjoni bħal din mhux biss toħloq ir-riskju ta' tranżizzjoni b'pass varjabbli fl-Unjoni fir-rigward tal-azzjoni klimatika, iżda wkoll ta' disparitajiet dejjem akbar bejn ir-reġjuni***, speċjalment għar-reġjuni ultraperiferiċi, iż-żoni remoti, insulari u ġeografikament żvantaġġjati u għaż-żoni bi problemi ta' depopolazzjoni***, li huwa ta' detriment għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tirnexxi, it-tranżizzjoni trid tkun ġusta u soċjalment aċċettabbli għal kulħadd. Għalhekk, ***kemm*** l-Unjoni ***kif ukoll*** l-Istati Membri ***jridu jqisu*** l-implikazzjonijiet ekonomiċi u ***soċjali*** tagħha sa mill-bidu nett, u jużaw l-istrumenti kollha possibbli biex itaffu l-konsegwenzi negattivi. Il-baġit tal-Unjoni għandu rwol importanti f'dan ir-rigward.	(3) Sabiex tirnexxi, it-tranżizzjoni trid tkun ġusta, inklużiva u soċjalment aċċettabbli għal kulħadd. Għalhekk, l-Unjoni, l-Istati Membri ***u r-reġjuni tagħhom jeħtiġilhom iqisu*** l-implikazzjonijiet ekonomiċi***, soċjali*** u ***ambjentali*** tagħha sa mill-bidu nett, u jużaw l-istrumenti kollha possibbli biex itaffu l-konsegwenzi negattivi. Il-baġit tal-Unjoni għandu rwol importanti f'dan ir-rigward ***biex jiżgura li ħadd ma jitħalla lura***.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Kif stipulat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli, Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta ***jkun*** jissupplimenta l-azzjonijiet l-oħra skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perjodu mill-2021 sal-2027. Dan ***ikun*** jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali u ***ekonomiċi*** ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tal-Unjoni billi jgħaqqad flimkien l-infiq tal-baġit tal-Unjoni fuq l-objettivi klimatiċi ***ma' dawk*** soċjali fil-livell reġjonali.	(4) Kif stipulat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli, Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta ***jenħtieġ li*** jissupplimenta l-azzjonijiet l-oħra skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perjodu mill-2021 sal-2027. Dan ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali***, ekonomiċi*** u ***ambjentali, b'mod partikolari għall-ħaddiema milquta fil-proċess*** ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tal-Unjoni ***sal-2050*** billi jgħaqqad flimkien l-infiq tal-baġit tal-Unjoni fuq l-objettivi klimatiċi ***u*** soċjali fil-livell reġjonali***, filwaqt li jippromwovi ekonomija sostenibbli, impjiegi ekoloġiċi u s-saħħa pubblika***.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (***ust*** Transition Fund, "JTF") li huwa wieħed mill-pilastri tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta implimentat skont il-politika ta' koeżjoni. L-għan tal-JTF huwa li jtaffi l-effetti negattivi tat-tranżizzjoni klimatika billi jappoġġa l-aktar territorji affettwati u l-aktar ħaddiema kkonċernati. F'konformità mal-objettiv speċifiku tal-JTF, ***jeħtieġ*** li l-azzjonijiet appoġġati mill-JTF jikkontribwixxu direttament biex itaffu l-impatt tat-tranżizzjoni billi jiffinanzjaw id-diversifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija lokali u billi jtaffu r-riperkussjonijiet negattivi fuq l-impjiegi. Dan huwa rifless fl-għan speċifiku tal-JTF, li huwa stabbilit fl-istess livell u elenkat flimkien mal-objettivi tal-politika stipulati fl-Artikolu [4] tar-Regolament UE [RDK ġdid].	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (***Just*** Transition Fund, "JTF") li huwa wieħed mill-pilastri tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta implimentat skont il-politika ta' koeżjoni. L-għan tal-JTF huwa li jtaffi l-effetti negattivi tat-tranżizzjoni klimatika ***u jikkumpensa għalihom*** billi jappoġġa l-aktar territorji affettwati u l-aktar ħaddiema kkonċernati ***u li jippromwovi tranżizzjoni soċjoekonomika bbilanċjata li tiġġieled il-prekarjetà soċjali u ambjent ta' negozju instabbli***. F'konformità mal-objettiv speċifiku tal-JTF, ***jenħtieġ*** li l-azzjonijiet appoġġati mill-JTF jikkontribwixxu direttament biex itaffu l-impatt tat-tranżizzjoni billi jiffinanzjaw id-diversifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija lokali ***billi jirriġeneraw l-assi naturali*** u billi jtaffu r-riperkussjonijiet negattivi fuq l-impjiegi ***u fuq l-istandards tal-għajxien***. Dan huwa rifless fl-għan speċifiku tal-JTF, li huwa stabbilit fl-istess livell u elenkat flimkien mal-objettivi tal-politika stipulati fl-Artikolu [4] tar-Regolament UE [RDK ġdid].

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Fid-dawl tal-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, l-impenn rigward l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ambizzjoni akbar tal-Unjoni kif propost fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, ***jeħtieġ*** li l-JTF jipprovdi kontribut ewlieni biex l-azzjonijiet klimatiċi jiġu integrati. Ir-riżorsi mill-pakkett proprju tal-JTF huma addizzjonali u jiżdiedu mal-investimenti li huma meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' ***25*** % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-objettivi dwar il-klima. Ir-riżorsi ttrasferiti mill-FEŻR u l-FSE+ ***se*** jikkontribwixxu kompletament biex tintlaħaq din il-mira.	(6) Fid-dawl tal-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, l-impenn rigward l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ambizzjoni akbar tal-Unjoni kif propost fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, ***jenħtieġ*** li l-JTF jipprovdi kontribut ewlieni biex l-azzjonijiet klimatiċi ***u ambjentali*** jiġu integrati. Ir-riżorsi mill-pakkett proprju tal-JTF huma addizzjonali u jiżdiedu mal-investimenti li huma meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ġenerali ta' ***30*** % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-objettivi dwar il-klima. Ir-riżorsi ttrasferiti ***fuq bażi volontarja*** mill-FEŻR u l-FSE+ ***jistgħu*** jikkontribwixxu kompletament biex tintlaħaq din il-mira.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Jeħtieġ*** li r-riżorsi mill-JTF jissupplimentaw ir-riżorsi disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni.	(7) ***Jenħtieġ*** li r-riżorsi mill-JTF jissupplimentaw ir-riżorsi disponibbli taħt il-politika ta' koeżjoni. ***Jenħtieġ li l-istabbiliment tal-JTF ma jwassalx għal tnaqqis fil-fondi l-oħra ta' koeżjoni, jew għal trasferimenti obbligatorji minnhom.***

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tippreżenta sfida ***lill-Istati*** Membri kollha. Dan se jkun partikolarment ***eżiġenti fuq*** dawk l-Istati Membri li jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili jew minn attivitajiet industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra li ***se*** jiġu eliminati b'mod gradwali jew li għandhom bżonn jadattaw għal tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji biex jagħmlu dan. Għaldaqstant il-JTF ***jeħtieġ*** li jkopri l-Istati Membri kollha, iżda d-distribuzzjoni tal-mezzi finanzjarji ***jeħtieġ*** li tirrifletti l-kapaċità tal-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-investimenti neċessarji biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.	(8) It-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tippreżenta sfida ***għall-Istati*** Membri kollha. Dan se jkun partikolarment ***impenjattiv għal*** dawk l-Istati Membri li jiddependu ħafna***, jew li sa ftit żmien ilu kienu qed jiddependu ħafna,*** mill-fjuwils fossili jew minn attivitajiet industrijali b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra li ***hemm bżonn li*** jiġu eliminati b'mod gradwali jew li għandhom bżonn jadattaw għal tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji biex jagħmlu dan. Għaldaqstant, il-JTF ***jenħtieġ*** li jkopri l-Istati Membri kollha, iżda d-distribuzzjoni tal-mezzi finanzjarji ***tiegħu jenħtieġ*** li ***tiffoka fuq dawk it-territorji l-aktar milquta, u*** tirrifletti l-kapaċità tal-Istati Membri biex jiffinanzjaw l-investimenti neċessarji biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika***, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni l-anqas żviluppati, ir-reġjuni ultraperiferiċi, muntanjużi, il-gżejjer, iż-żoni skarsament popolati, rurali, remoti u ġeografikament żvantaġġjati li l-popolazzjoni żgħira tagħhom tagħmel it-tranżizzjoni fl-enerġija lejn in-newtralità klimatika aktar diffiċli biex tiġi implimentata, u filwaqt li titqies il-pożizzjoni tat-tluq ta' kull Stat Membru.***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għall-JTF, ***jeħtieġ*** li l-Kummissjoni tistipula t-tqassim annwali tal-allokazzjonijiet disponibbli għal kull Stat Membru taħt il-mira tal- Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, abbażi ta' kriterji oġġettivi.	(9) Sabiex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għall-JTF, ***jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tistipula t-tqassim annwali tal-allokazzjonijiet disponibbli għal kull Stat Membru taħt il-mira tal- Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, abbażi ta' kriterji oġġettivi. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-muniċipalitajiet u l-bliet ikollhom aċċess dirett għar-riżorsi tal-JTF li jiġu magħmula disponibbli għalihom skont il-ħtiġijiet oġġettivi tagħhom.***

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament jidentifika t-tipi ta' investimenti li għalihom in-nefqa tista' tiġi appoġġata mill-JTF. ***Jeħtieġ*** li l-attivitajiet kollha li jirċievu sostenn ikollhom segwitu b'rispett sħiħ ***tal-prijoritajiet*** klimatiċi u ***ambjentali*** tal-Unjoni. ***Jeħtieġ*** li l-lista ta' investimenti tinkludi dawk li jappoġġaw ***l-ekonomiji*** lokali u li jkunu sostenibbli fit-tul, filwaqt li jitqiesu l-objettivi kollha tal-Patt Ekoloġiku. ***Jeħtieġ*** li l-proġetti ffinanzjati jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija ***li hija*** newtrali għall-klima u ċirkolari. Għas-setturi li qed inaqqsu, bħall-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-faħam, il-linjite, il-pit u x-shale bituminuż jew fuq l-attivitajiet ta' estrazzjoni ta' dawn il-fjuwils fossili solidi, l-appoġġ ***jeħtieġ*** li jkun marbut mat-tneħħija gradwali tal-attività u t-tnaqqis korrispondenti fil-livell tal-impjiegi. Rigward it-trasformazzjoni tas-setturi b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra, ***jeħtieġ*** li l-appoġġ jippromwovi attivitajiet ġodda permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, proċessi jew prodotti ġodda, u ***sal-2050*** iwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet, f'konformità mal-objettivi klimatiċi tal-UE 2030 ([13]) u n-newtralità klimatika, filwaqt li jinżammu u jiżdiedu l-impjiegi u tiġi evitata d-degradazzjoni ambjentali. ***Jeħtieġ*** li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lil attivitajiet li jsaħħu l-innovazzjoni u r-riċerka f'teknoloġiji avvanzati u sostenibbli, kif ukoll fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni u ***l-konnettività***, dment li tali miżuri jgħinu biex jittaffew l-effetti sekondarji negattivi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima u jikkontribwixxu għaliha.	(10) Dan ir-Regolament jidentifika t-tipi ta' investimenti li għalihom in-nefqa tista' tiġi appoġġata mill-JTF. ***Jenħtieġ*** li l-attivitajiet kollha li jirċievu sostenn ikollhom segwitu b'rispett sħiħ ***tal-impenji u l-prijoritajiet*** klimatiċi***, ambjentali*** u ***soċjali*** tal-Unjoni. ***Jenħtieġ*** li l-lista ta' investimenti tinkludi dawk li jappoġġaw ***lill-persuni, lill-komunitajiet u lill-ekonomiji*** lokali u li jkunu sostenibbli fit-tul, filwaqt li jitqiesu l-objettivi kollha tal-Patt Ekoloġiku ***Ewropew u tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***. ***Jenħtieġ*** li l-proġetti ffinanzjati jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ***gradwali u sħiħa*** lejn ekonomija ***sostenibbli,*** newtrali għall-klima***, ħielsa mit-tniġġis*** u ċirkolari. Għas-setturi li qed inaqqsu, bħall-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-faħam, il-linjite, il-pit u x-shale bituminuż jew fuq l-attivitajiet ta' estrazzjoni ta' dawn il-fjuwils fossili solidi, l-appoġġ ***jenħtieġ*** li jkun marbut mat-tneħħija gradwali tal-attività u t-tnaqqis korrispondenti fil-livell tal-impjiegi. Rigward it-trasformazzjoni tas-setturi b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra, ***jenħtieġ*** li l-appoġġ jippromwovi attivitajiet ġodda permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, proċessi jew prodotti ġodda, u ***dan*** iwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet, f'konformità mal-objettivi klimatiċi tal-UE ***għall-***2030 ([13]) u n-newtralità klimatika ***sal-2050***, filwaqt li jinżammu u jiżdiedu l-impjiegi ***b'ħiliet*** u tiġi evitata d-degradazzjoni ambjentali. ***Jenħtieġ*** li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lil attivitajiet li jsaħħu l-innovazzjoni u r-riċerka f'teknoloġiji avvanzati u sostenibbli, kif ukoll fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni***, il-konnettività*** u ***l-mobbiltà intelliġenti u sostenibbli***, dment li tali miżuri jgħinu biex jittaffew l-effetti sekondarji negattivi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima u jikkontribwixxu għaliha***, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi ekonomiċi, soċjali u tal-enerġija ta' kull Stat Membru. L-importanza tal-kultura, l-edukazzjoni u l-bini tal-komunità għall-proċess ta' transizzjoni jenħtieġ li tiġi ssodisfata wkoll billi jiġu appoġġati attivitajiet li jindirizzaw il-patrimonju tal-minjieri.***

([13]) Kif stipulat fi "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment (COM (2018)0773).

([13]) Kif stipulat fi "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment (COM (2018)0773).

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġu protetti ċ-ċittadini li huma ***l-jeħtieġ*** li l-JTF ikopri wkoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ ***mill-ġdid*** tal-ħaddiema milquta, bil-għan li jgħinhom jadattaw għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg, kif ukoll jipprovdi għajnuna lil dawk li qed ifittxu impjieg fit-tiftix ta' opportunitajiet ġodda ***ta'impjieg*** kif ukoll l-inklużjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol.	(11) Sabiex jiġu protetti ċ-ċittadini li huma ***l-aktar vulnerabbli għat-tranżizzjoni klimatika, jenħtieġ*** li l-JTF ikopri wkoll it-titjib tal-ħiliet***, it-taħriġ mill-ġdid*** u t-taħriġ tal-ħaddiema milquta ***u ta' dawk li qed ifittxu impjieg, partikolarment in-nisa***, bil-għan li jgħinhom jadattaw għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg ***u jakkwistaw kwalifiki ġodda li jkunu adattati għall-ekonomija ekoloġika***, kif ukoll jipprovdi għajnuna lil dawk li qed ifittxu impjieg fit-tiftix ta' opportunitajiet ġodda ***ta' impjieg*** kif ukoll l-inklużjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol. ***Jenħtieġ li l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali tkun prinċipju gwida biex jiġi pprovdut appoġġ taħt il-JTF.***

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni ekonomika tat-territorji milquta mit-tranżizzjoni, ***jeħtieġ*** li l-JTF jipprovdi appoġġ għal investimenti produttivi fl-SMEs. Investiment produttiv ***jeħtieġ*** li jkun jinftiehem bħala investiment f'kapital fiss jew f'assi immaterjali ta' intrapriżi bil-ħsieb li jiġu prodotti oġġetti u servizzi u b'hekk jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kapital gross u għall-impjiegi. Għal intrapriżi li mhumiex SMEs, ***jeħtieġ*** li l-investimenti produttivi jiġu appoġġati biss jekk ikunu meħtieġa biex itaffu t-telf ta' impjiegi li jirriżulta mit-tranżizzjoni, billi joħolqu jew jipproteġu għadd sinifikanti ta' impjiegi u ma jwasslux għal rilokazzjoni jew jirriżultaw minnha. ***Jeħtieġ*** li jitħallew isiru investimenti f'faċilitajiet industrijali eżistenti, inklużi dawk koperti mill-Iskema tal-UE ***għan-Negozjar*** tal-Emissjonijiet, jekk jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050 u jmorru sew taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) u jekk jirriżultaw ***fil-protezzjoni*** ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi. ***Kull*** investiment bħal dan ***jeħtieġ li*** jiġi ġġustifikat ***skont il-pjan territorjali ta'*** tranżizzjoni ġusta rilevanti. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern u l-politika ta' koeżjoni, l-appoġġ lill-impriżi li joperaw ***jeħtieġ*** li jkun konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulat fl-Artikoli 107 u 108 ***TFUE u, b'mod partikolari, l-appoġġ għal investimenti produttivi minn intrapriżi għajr l-SMEs jeħtieġ li jkunu limitati għal intrapriżi li jinsabu f'żoni nnominati bħala żoni megħjuna għall-finijiet tal-Artikolu 107(3)(a) u (c)*** TFUE.	(12) Sabiex tissaħħaħ id-diversifikazzjoni ekonomika tat-territorji milquta mit-tranżizzjoni, ***jenħtieġ*** li l-JTF jipprovdi appoġġ għal investimenti produttivi fl-SMEs. Investiment produttiv ***jenħtieġ*** li jkun jinftiehem bħala investiment f'kapital fiss jew f'assi immaterjali ta' intrapriżi bil-ħsieb li jiġu prodotti oġġetti u servizzi u b'hekk jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kapital gross u għall-impjiegi. Għal intrapriżi li mhumiex SMEs, ***jenħtieġ*** li l-investimenti produttivi jiġu appoġġati biss jekk ikunu meħtieġa biex itaffu t-telf ta' impjiegi li jirriżulta mit-tranżizzjoni, billi joħolqu jew jipproteġu għadd sinifikanti ta' impjiegi u ma jwasslux għal rilokazzjoni jew jirriżultaw minnha. ***Jenħtieġ*** li jitħallew isiru investimenti f'faċilitajiet industrijali eżistenti, inklużi dawk koperti mill-Iskema tal-UE ***għall-iskambju ta' kwoti*** tal-emissjonijiet, jekk jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050 u jmorru sew taħt il-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) u jekk jirriżultaw ***fil-ħolqien u ż-żamma*** ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi. ***Jenħtieġ li kwalunkwe*** investiment bħal dan jiġi ġġustifikat ***kif xieraq fil-pjan għal*** tranżizzjoni ġusta ***territorjali*** rilevanti***, ikun sostenibbli u, fejn applikabbli, ikun konsistenti mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"***. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern u l-politika ta' koeżjoni, l-appoġġ lill-impriżi li joperaw ***jenħtieġ*** li jkun konformi mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulat fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.

([14]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([14]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Appoġġ għal investiment produttiv f'intrapriżi permezz tal-JTF, minbarra l-SMEs, jenħtieġ li jkun limitat għal reġjuni anqas żviluppati u dawk fi tranżizzjoni kif stipulat fl-Artikolu 102(2) tar-Regolament Nru …/… [RDK].

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tar-riżorsi tal-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, ***jeħtieġ*** li jkun possibbli li jitħejja programm JTF awtonomu jew li jiġu pprogrammati riżorsi JTF fi prijorità speċifika waħda jew aktar fi programm appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), mill-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE +") jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Skont l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], ir-riżorsi tal-JTF ***għandhom*** jissaħħu b'finanzjament komplementari mill-FEŻR u l-FSE+. L-ammonti rispettivi ttrasferiti mill-FEŻR u mill-FSE+ ***jeħtieġ*** li jkunu konsistenti mat-tip ta' operazzjonijiet stipulati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.	(13) Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tar-riżorsi tal-JTF taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, ***jenħtieġ*** li jkun possibbli li jitħejja programm JTF awtonomu jew li jiġu pprogrammati riżorsi JTF fi prijorità speċifika waħda jew aktar fi programm appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), mill-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE +") jew mill-Fond ta' Koeżjoni. Skont l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], ir-riżorsi tal-JTF ***jistgħu*** jissaħħu ***fuq bażi volontarja*** b'finanzjament komplementari mill-FEŻR u l-FSE+. L-ammonti rispettivi ttrasferiti mill-FEŻR u mill-FSE+ ***jenħtieġ*** li jkunu konsistenti mat-tip ta' operazzjonijiet stipulati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Jeħtieġ*** li l-appoġġ tal-JTF ikun jiddependi fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' proċess ta' tranżizzjoni f'territorju speċifiku sabiex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima. ***F'dan*** ir-rigward, ***jeħtieġ li*** l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, iħejju pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, li jagħtu dettalji dwar il-proċess ta' tranżizzjoni, b'mod konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom dwar l-Enerġija u l-Klima. Għal dan il-għan, ***jeħtieġ*** li l-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta sabiex tibni fuq il-pjattaforma eżistenti għar-reġjuni karboniferi fi tranżizzjoni biex tippermetti li jsiru skambji bilaterali u multilaterali dwar l-esperjenza fit-tagħlimiet miksuba u fl-aħjar prattiki fis-setturi kollha affettwati.	(14) ***Jenħtieġ*** li l-appoġġ tal-JTF ikun jiddependi fuq l-implimentazzjoni effettiva ***u li titkejjel*** ta' proċess ta' tranżizzjoni f'territorju speċifiku sabiex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima. ***F'dak*** ir-rigward, l-Istati Membri ***jenħtieġ li***, ***fi djalogu soċjali u*** f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ***skont il-prinċipju ta' sħubija stabbilit mill-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) …/… [RDK ġdid]*** u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, iħejju pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, li jagħtu dettalji dwar il-proċess ta' tranżizzjoni, b'mod konsistenti mal-Pjanijiet Nazzjonali tagħhom dwar l-Enerġija u l-Klima***, u possibbilment li jmorru lil hinn minnhom***. Għal dan il-għan, ***jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tistabbilixxi Pjattaforma ta' Tranżizzjoni Ġusta sabiex tibni fuq il-pjattaforma eżistenti għar-reġjuni karboniferi fi tranżizzjoni biex tippermetti li jsiru skambji bilaterali u multilaterali dwar l-esperjenza fit-tagħlimiet miksuba u fl-aħjar prattiki fis-setturi kollha affettwati.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Jeħtieġ*** li l-pjanijiet ta' tranżizzjoni jidentifikaw it-territorji l-aktar milquta ħażin, fejn l-appoġġ tal-JTF ***jeħtieġ*** li jkun ikkonċentrat u jiddeskrivu azzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu biex ***tinkiseb*** ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-konverżjoni jew l-għeluq ta' faċilitajiet li jinvolvu l-produzzjoni ta' fjuwils fossili jew attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra. ***Jeħtieġ*** li dawn it-territorji jiġu ddefiniti b'mod preċiż u jkunu jikkorrispondu mar-reġjuni tan-NUTS livell 3 jew ikunu partijiet minnha. ***Jeħtieġ*** li l-pjanijiet jiddeskrivu fid-dettall l-isfidi u ***l-ħtiġijiet*** ta' ***dawn*** it-territorji u jidentifikaw it-tip ta' operazzjonijiet meħtieġa b'mod li jiġi żgurat l-iżvilupp koerenti ta' attivitajiet ekonomiċi reżiljenti għat-tibdil fil-klima li jkunu wkoll konsistenti mat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku. Huma biss l-investimenti skont il-pjanijiet ta' tranżizzjoni li ***jeħtieġ*** jirċievu appoġġ finanzjarju mill-JTF. ***Jeħtieġ*** li l-pjanijiet territorjali ta' ***tranżizzji*** ġusta jkunu parti mill-programmi (appoġġati mill-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-JTF) li huma approvati mill-Kummissjoni.	(15) ***Jenħtieġ*** li l-pjanijiet ***territorjali*** ta' tranżizzjoni ***ġusta*** jidentifikaw it-territorji l-aktar milquta ħażin, fejn l-appoġġ tal-JTF ***jenħtieġ*** li jkun ikkonċentrat u jiddeskrivu azzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu biex ***jinkisbu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u*** ekonomija newtrali għall-klima ***sal-2050***, b'mod partikolari fir-rigward tal-konverżjoni jew l-għeluq ta' faċilitajiet li jinvolvu l-produzzjoni ta' fjuwils fossili jew attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra***, filwaqt li jinżammu u jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjiegi fit-territorji milquta sabiex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali. Jenħtieġ li jitqiesu fatturi aggravanti bħar-rati tal-qgħad u t-tendenzi tad-depopolazzjoni***. ***Jenħtieġ*** li dawn it-territorji jiġu ddefiniti b'mod preċiż u jkunu jikkorrispondu mar-reġjuni tan-NUTS livell 3 jew ikunu partijiet minnha. ***Jenħtieġ*** li l-pjanijiet jiddeskrivu fid-dettall l-isfidi***, il-ħtiġijiet*** u ***l-opportunitajiet*** ta' ***dawk*** it-territorji u jidentifikaw it-tip ta' operazzjonijiet meħtieġa b'mod li jiġi żgurat l-iżvilupp koerenti ta' attivitajiet ekonomiċi reżiljenti għat-tibdil fil-klima li jkunu wkoll konsistenti mat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku ***Ewropew***. Huma biss l-investimenti skont il-pjanijiet ta' tranżizzjoni li ***jenħtieġ li*** jirċievu appoġġ finanzjarju mill-JTF. ***Jenħtieġ*** li l-pjanijiet territorjali ta' ***tranżizzjoni*** ġusta jkunu parti mill-programmi (appoġġati mill-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-JTF***, skont il-każ***) li huma approvati mill-Kummissjoni.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu appoġġati territorji li jkunu qed jiffaċċjaw trasformazzjoni ekonomika u soċjali fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija newtrali għall-klima, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment. Ir-raġunijiet ewlenin f'dan ir-rigward huma, minn naħa waħda, id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tat-territorji differenti u r-ritard ta' dawk it-territorji li huma anqas favoriti, kif ukoll il-limitu fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u tat-territorji u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa għal qafas ta' implimentazzjoni koerenti li jkopri diversi fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża. Billi dawn l-objettivi jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.	(19) L-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu appoġġati ***n-nies, l-ekonomija u l-ambjent ta'*** territorji li jkunu qed jiffaċċjaw trasformazzjoni ekonomika u soċjali fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija newtrali għall-klima, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment. Ir-raġunijiet ewlenin f'dan ir-rigward huma, minn naħa waħda, id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tat-territorji differenti u r-ritard ta' dawk it-territorji li huma anqas favoriti, kif ukoll il-limitu fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u tat-territorji u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa għal qafas ta' implimentazzjoni koerenti li jkopri diversi fondi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża ***u li jiżgura l-konformità mal-istandards soċjali u ambjentali għoljin u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema***. Billi dawn l-objettivi jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, "JTF") biex jipprovdi appoġġ ***lit-territorji*** li qed jaffaċċaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija ***tal-UE*** newtrali għall-klima sal-2050.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, "JTF") biex jipprovdi appoġġ ***lin-nies, l-ekonomija u l-ambjent ta' territorji*** li qed jaffaċċaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ***l-ilħuq tal-miri tal-2030 tal-Unjoni għall-enerġija u l-klima, u lejn*** ekonomija ***tal-Unjoni*** newtrali għall-klima sal-2050.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu [4 (1)] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li "jippermetti lir-reġjuni u ***n-nies*** jindirizzaw l-impatti soċjali u ***ekonomiċi*** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima".	F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid], il-JTF għandu jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku uniku li "jippermetti lir-reġjuni***, in-nies, l-intrapriżi*** u ***partijiet ikkonċernati oħra*** jindirizzaw l-impatti soċjali***, tal-impjieg, ekonomiċi*** u ***ambjentali*** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima" ***sal-2050 u l-miri intermedjarji għall-2030, f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi***.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-riżorsi ***għall-FTĠ*** fil-kuntest tal-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi li huma disponibbli bħala impenn baġitarju għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandhom ilaħħqu l-EUR ***11 270 459 000 fi prezzijiet attwali***, ***ammont li*** jista' jiżdied, skont il-każ, b'riżorsi addizzjonali allokati fil-baġit tal-Unjoni, u b'riżorsi oħra skont l-att bażiku applikabbli.	2. Ir-riżorsi ***għall-JTF*** fil-kuntest tal-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi li huma disponibbli bħala impenn baġitarju għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandhom ilaħħqu l-EUR ***25 358 532 750 fi prezzijiet tal-2018 ("ammont prinċipali")***, ***u m'għandhomx jirriżultaw mit-trasferiment ta' riżorsi minn Fondi oħra koperti mir-Regolament (UE) …/… [RDK ġdid]. L-ammont prinċipali*** jista' jiżdied, skont il-każ, b'riżorsi addizzjonali allokati fil-baġit tal-Unjoni, u b'riżorsi oħra skont l-att bażiku applikabbli.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 3a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***It-tqassim*** annwali tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 mill-Istati Membri għandu jiġi inkluż fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) skont il-metodoloġija stipulata fl-Anness I.	3. ***Fuq it-talba ta' Stat Membru, l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun disponibbli wkoll għas-snin 2025-2027. Għal kull perjodu, it-tqassimiet*** annwali ***rispettivi*** tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** mill-Istati Membri għandu jiġi inkluż fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) skont il-metodoloġija stipulata fl-Anness I.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Mekkaniżmu ta' Premjar Ekoloġiku
	18 % tat-total tal-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3a(1) għandhom jiġu allokati skont kemm l-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra malajr, diviżi bl-aħħar ING medju tagħhom.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Allokazzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer
	1 % tat-total tal-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) u fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3a(1) għandu jkun allokazzjoni speċifika għall-gżejjer, u 1 % għandu jkun allokazzjoni speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-TFUE, mogħtija lill-Istati Membri kkonċernati.

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3d
	Aċċess għall-JTF
	L-aċċess għall-JTF għandu jkun kundizzjonali fuq l-adozzjoni ta' objettiv nazzjonali lejn l-ilħiq ta' newtralità klimatika sal-2050.
	Għal dawk l-Istati Membri li għad m'għandhomx mira nazzjonali ta' newtralità klimatika, se jiġi biss rilaxxat biss 50 % tal-allokazzjoni nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-50 % li jifdal se jsir disponibbli ladarba jkunu adottaw dik il-mira.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) investimenti produttivi fl-SMEs, inklużi negozji ġodda, li jwasslu għal diversifikazzjoni u rikonverżjoni ekonomiċi;	(a) investimenti produttivi ***u sostenibbli fil-mikrointrapriżi u*** fl-SMEs, inklużi negozji ġodda ***u turiżmu sostenibbli***, li jwasslu għal ***ħolqien tal-impjiegi, modernizzazzjoni,*** diversifikazzjoni u rikonverżjoni ekonomiċi;

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) investimenti fil-ħolqien ta' ditti ġodda, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju u servizzi ta' konsulenza;	(b) investimenti fil-ħolqien ta' ditti ġodda ***u fl-iżvilupp ta' dawk eżistenti***, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju u servizzi ta' konsulenza***, li jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi***;

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) investimenti fl-infrastrutturi soċjali, li jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi u diversifikazzjoni ekonomika;

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u ***t-trawwim*** ta' ***trasferiment*** ta' teknoloġiji avvanzati;	(c) investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni***, inkluż fl-universitajiet*** u ***fl-istituti pubbliċi*** ta' ***riċerka u t-trawwim tat-trasferiment*** ta' teknoloġiji avvanzati ***u lesti għas-suq***;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) investimenti fl-użu ta' teknoloġija u infrastrutturi għal enerġija nadifa u affordabbli, ***fi tnaqqis*** ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, ***fl-effiċjenza*** enerġetika u ***fl-enerġija*** rinnovabbli;	(d) investimenti fl-użu ta' teknoloġija u infrastrutturi għal enerġija nadifa u affordabbli ***u s-sistemi tagħhom***, ***fit-tnaqqis*** ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, ***l-effiċjenza*** enerġetika***, it-teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija*** u ***l-enerġija*** rinnovabbli ***u sostenibbli, meta tali investimenti jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi u ż-żamma ta' impjiegi sostenibbli fuq skala kbira***;

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) investimenti f'mobbiltà intelliġenti u sostenibbli u infrastruttura tat-trasport li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) investimenti fi proġetti li jiġġieldu l-faqar enerġetiku, b'mod partikolari fl-akkomodazzjoni soċjali, u li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika, approċċ newtrali għall-klima u tishin distrettwali b'emissjonijiet baxxi fir-reġjuni l-aktar milquta;

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) investimenti fid-diġitalizzazzjoni u l-konnettività diġitali;	(e) investimenti fid-diġitalizzazzjoni***, l-innovazzjoni diġitali*** u l-konnettività diġitali***, inklużi l-agrikoltura diġitali u dik ta' preċiżjoni***;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) investimenti fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti, ***restawr ta' art*** u proġetti ta' adattament;	(f) investimenti ***fl-infrastruttura ekoloġika kif ukoll*** fir-riġenerazzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' siti, ***artijiet abbandunati (brownfields)*** u proġetti ta' adattament***, kull meta ma jkunx jista' jiġi applikat il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"***;

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) investimenti fit-titjib tal-ekonomija ċirkolari***, inkluż*** permezz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart;	(g) investimenti fit-titjib tal-ekonomija ċirkolari permezz tal-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ tal-iskart;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) ħolqien u żvilupp ta' servizzi soċjali u pubbliċi ta' interess ġenerali;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) investimenti fil-kultura, l-edukazzjoni u l-bini tal-komunità, inkluża l-valorizzazzjoni tal-wirt tanġibbli u intanġibbli tal-minjieri u ċ-ċentri tal-komunità;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) it-titjib tal-ħiliet ***u t-taħriġ*** mill-ġdid tal-ħaddiema;	(h) it-titjib tal-ħiliet***, it-taħriġ*** mill-ġdid ***u t-taħriġ*** tal-ħaddiema ***u ta' min ikun qed ifittex impjieg***;

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għajnuna fit-tiftix għal min ikun qed ifittex impjieg;	(i) għajnuna fit-tiftix għal min ikun qed ifittex impjieg***, appoġġ għal tixjiħ attiv u appoġġ għall-introjtu għal ħaddiema fi tranżizzjoni minn impjieg għal ieħor***;

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-inklużjoni attiva ta' min ikun qed ***ifittxu*** impjieg;	(j) l-inklużjoni attiva ta' min ikun qed ***ifittex*** impjieg***, partikolarment in-nisa, il-persuni b'diżabbiltà u l-gruppi vulnerabbli***;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Barra minn hekk, il-JTF jista' jappoġġa, ***f'żoni magħżula bħala żoni megħjuna skont l-Artikolu 107(3)(a) u (c) TFUE***, investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, ***sakemm*** dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (h) tal-Artikolu 7(2). Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.	Barra minn hekk, il-JTF jista' jappoġġa, ***f'reġjuni inqas żviluppati u fi tranżizzjoni kif stipulat fl-Artikolu 102(2) tar-Regolament Nru. …/… [RDK ġdid]***, investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs, ***dment li*** dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (h) tal-Artikolu 7(2). Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta***, biex jinħolqu impjiegi ġodda, u meta dawn jikkonformaw ma' miri soċjali għall-ħolqien tal-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-pagi ugwali u l-miri ambjentali, u fejn dawn jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima mingħajr ma jappoġġaw ir-rilokazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 60(1) tar-Regolament Nru ../… [RDK ġdid].***

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-JTF jista' jappoġġa investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dment li dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan ta' tranżizzjoni territorjali bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (i) tal-Artikolu 7(2). Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.	Il-JTF jista' jappoġġa investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dment li dawn l-investimenti jkunu ġew approvati bħala parti mill-pjan ta' tranżizzjoni territorjali bbażat fuq l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (i) tal-Artikolu 7(2) ***ta' dan ir-Regolament u li jkunu konformi mal-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti fis-subparagrafu 2 ta' dan il-paragrafu***. Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli biss meta jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) impriżi f'diffikultà, kif definiti fl-Artikolu 2(18) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([16]);	(c) impriżi f'diffikultà, kif definiti fl-Artikolu 2(18) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([16])***, ħlief f'każijiet fejn id-diffikultajiet jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni tal-enerġija jew fejn id-diffikultajiet ikunu bdew wara l-15 ta' Frar 2020 u jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19***;
([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).	([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) investiment relatat mal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, ***il-ħażin*** jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili;	(d) investiment relatat mal-produzzjoni, l-ipproċessar, ***it-trasport,*** id-distribuzzjoni, ***il-ħżin*** jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili;

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) investiment fl-infrastruttura tal-broadband f'żoni fejn ***hemm mill-inqas żewġ netwerks tal-broadband ta' kategorija*** ekwivalenti.	(e) investiment fl-infrastruttura tal-broadband f'żoni fejn ***soluzzjonijiet*** ekwivalenti ***huma pprovduti mis-suq f'kundizzjonijiet kompetittivi lill-klijenti;***

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) investiment f'intrapriżi li mhumiex SMEs, li jinvolvu t-trasferiment tal-impjiegi u tal-proċessi ta' produzzjoni minn Stat Membru għall-ieħor jew għal pajjiż terz;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) operazzjonijiet f'reġjun NUTS 2 fejn il-ftuħ ta' minjiera ġdida tal-faħam, tal-linjite jew taż-żejt tax-shale jew għalqa għall-estrazzjoni tal-pit, jew il-ftuħ mill-ġdid ta' minjiera dekummissjonata b'mod temporanju tal-faħam, tal-linjite jew taż-żejt tax-shale jew ta' għalqa għall-estrazzjoni tal-pit, ikun skedat għal matul id-durata tal-programm.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	B'deroga mill-punt (d) tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament, għar-reġjuni li jiddependu ħafna fuq l-estrazzjoni u l-kombustjoni tal-faħam, il-linjite, ix-xejl taż-żejt jew il-pit, il-Kummissjoni tista' tapprova pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta li jinkludu investimenti f'attivitajiet relatati mal-gass naturali, dment li tali attivitajiet jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 ([16a]) [Tassonomija] u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
	(a) jintużaw bħala teknoloġija li sservi ta' pont li tieħu post il-faħam, il-linjite, il-pit jew ix-xejl taż-żejt;
	(b) ikunu fil-limiti tad-disponibbiltà sostenibbli jew kompatibbli mal-użu tal-idroġenu nadif, il-bijogass u l-bijometanu;
	(c) jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, permezz tal-aċċelerazzjoni tal-eliminazzjoni gradwali shiħa tal-faħam, il-linjite, il-pit jew iż-żejt bituminuż;
	(d) iwasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja u jżidu l-effiċjenza enerġetika;
	(e) jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku;
	(f) ma jfixklux l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-territorji kkonċernati u jkunu kompatibbli u f'sinerġija ma' użu futur ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova investimenti f'attivitajiet li ma jikkwalifikawx skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 [Tassonomija], jekk jikkonformaw mal-kundizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u jekk l-Istat Membru jkun jista' jiġġustifika, fil-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, il-ħtieġa li jiġu appoġġati dawk l-attivitajiet u juri l-konsistenza ta' dawk l-attivitajiet mal-objettivi u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima, kif ukoll il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tiegħu.
	([16a]) Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-riżorsi tal-JTF għandhom jiġu pprogrammati għall-kategoriji tar-reġjuni fejn jinsabu t-territorji kkonċernati, fuq il-bażi tal-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta stabbiliti skont l-Artikolu 7 u approvati mill-Kummissjoni bħala parti minn programm jew emenda ta' programm. Ir-riżorsi programmati għandhom jieħdu l-forma ta' programm speċifiku wieħed jew aktar jew ta' prijorità waħda jew aktar fil-kuntest ta' programm.	Ir-riżorsi tal-JTF għandhom jiġu pprogrammati għall-kategoriji tar-reġjuni fejn jinsabu t-territorji ***jew l-attivitajiet ekonomiċi*** kkonċernati, fuq il-bażi tal-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta stabbiliti skont l-Artikolu 7 u approvati mill-Kummissjoni bħala parti minn programm jew emenda ta' programm. Ir-riżorsi programmati għandhom jieħdu l-forma ta' programm speċifiku wieħed jew aktar jew ta' prijorità waħda jew aktar fil-kuntest ta' programm.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tapprova programm ***biss*** fejn ***l-identifikazzjoni tat-territorji*** l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni, inklużi fil-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti, ***tkun*** debitament ***iġġustifikata*** u l-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti jkun konsistenti mal-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istat Membru kkonċernat.	***Dment li ma tiġġustifikax b'mod debitu r-raġuni għar-rfjut tal-approvazzjoni tagħha,*** il-Kummissjoni għandha tapprova programm fejn ***it-territorji*** l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni, inklużi fil-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti, ***ikunu*** debitament ***iġġustifikati*** u l-pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta rilevanti jkun konsistenti mal-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istat Membru kkonċernat***, l-objettiv ta' newtralità klimatika sal-2050, il-passi intermedji sal-2030 u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prijorità jew prijoritajiet tal-JTF għandhom jinkludu r-riżorsi tal-JTF li jikkonsistu mill-allokazzjoni sħiħa jew parzjali tal-JTF għall-Istati Membri ***u r-riżorsi*** trasferiti skont l-Artikolu [21a] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid]. It-total tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ittrasferit lill-prijorità tal-JTF ***għandu jkun mill-inqas ugwali għal*** darba u nofs l-ammont ta' sostenn mill-JTF għal dik il-prijorità ***iżda ma għandux jaqbeż tliet darbiet dak l-ammont***.	2. Il-prijorità jew prijoritajiet tal-JTF għandhom jinkludu r-riżorsi tal-JTF li jikkonsistu mill-allokazzjoni sħiħa jew parzjali tal-JTF għall-Istati Membri***. Dawk ir-riżorsi jistgħu jiġu komplementati bir-riżorsi*** trasferiti ***fuq bażi volontarja*** skont l-Artikolu [21a] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid]. It-total tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ***li jrid jiġi ttrasferit*** lill-prijorità tal-JTF ***m'għandux jaqbeż*** darba u nofs l-ammont ta' sostenn mill-JTF għal dik il-prijorità***. Ir-riżorsi trasferiti mill-FEŻR u l-FSE+ għandhom iżommu l-objettivi oriġinali tagħhom u jiġu inklużi fil-livelli ta' konċentrazzjoni tematika tal-FEŻR u l-FSE+*** .

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-JTF huwa mfassal għall-komunitajiet l-aktar vulnerabbli f'kull reġjun, u għalhekk proġetti eliġibbli ffinanzjati taħt il-JTF li jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku fl-Artikolu 2 għandhom jibbenefikaw minn kofinanzjament sa 85 % tal-ispejjeż rilevanti.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għanhom*** iħejju, flimkien mal-awtoritajiet rilevanti tat-territorji kkonċernati, pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta wieħed jew aktar li jkopru territorju ***wieħed effettwat*** jew aktar li jikkorrispondu għal-livell 3 tal-klassifika komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell 3") kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (***KE***) Nru ***868/2014*** tal-Kummissjoni [17], jew minn partijiet minnu, f'konformità mal-mudell li jinsab fl-Anness II. Dawn it-territorji għandhom ikunu dawk l-aktar milquta ħażin fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-telf mistenni ta' impjiegi fil-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil fossili u l-ħtiġijiet ta' trasformazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni ta' faċilitajiet industrijali bl-ogħla intensità ta' gassijiet serra.	1. L-Istati Membri ***għandhom*** iħejju, flimkien mal-awtoritajiet ***lokali u reġjonali*** rilevanti tat-territorji kkonċernati ***u skont il-prinċipju tas-sħubija stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) …/… [RDK ġdid], u fejn rilevanti, bl-assistenza tal-BEI u l-FEI***, pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta wieħed jew aktar li jkopru territorju ***affettwat wieħed*** jew aktar li jikkorrispondu għal-livell 3 tal-klassifika komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell 3") kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (***UE***) ***2016/2066*** tal-Kummissjoni [17], jew minn partijiet minnu, f'konformità mal-mudell li jinsab fl-Anness II. Dawn it-territorji għandhom ikunu dawk l-aktar milquta ħażin fuq il-bażi tal-impatti ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-tranżizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-telf mistenni ta' impjiegi fil-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil fossili u l-ħtiġijiet ta' trasformazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni ta' faċilitajiet industrijali bl-ogħla intensità ta' gassijiet serra.
[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).	[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni fil-livell nazzjonali lejn ekonomija newtrali ***għall-klima***, inkluż skeda ta' żmien għall-passi ewlenin ta' tranżizzjoni li jkunu konsistenti mal-aktar verżjoni reċenti tal-Pjan Nazzjonali ***tal-Enerġija*** u l-Klima (***"NECP"***);	(a) deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni fil-livell nazzjonali lejn ***l-ilħuq tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni tal-2030, u*** ekonomija ***klimatikament*** newtrali ***sal-2050***, inkluż skeda ta' żmien għall-passi ewlenin ta' tranżizzjoni li jkunu konsistenti mal-aktar verżjoni reċenti tal-Pjan Nazzjonali ***għall-Enerġija*** u l-Klima (***"NECP"***)

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ġustifikazzjoni għall-identifikazzjoni tat-territorji bħala l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni imsemmija fil-punt (a) u li għandhom jiġu appoġġati mill-JTF, skont il-paragrafu 1;	(b) ġustifikazzjoni għall-identifikazzjoni tat-territorji bħala l-aktar milquta ħażin mill-proċess ta' tranżizzjoni imsemmija fil-punt (a) u li għandhom jiġu appoġġati mill-JTF, skont il-paragrafu 1***, inklużi indikaturi bħar-rata tal-qgħad u r-rata tad-depopolazzjoni***;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni ffaċċjati mit-territorji milquta l-aktar ħażin, inkluż l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, li tidentifika l-għadd potenzjali ta' impjiegi milquta u t-telf ta' impjiegi, il-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp ***li jridu jinkisbu sal-2030*** marbuta mat-trasformazzjoni jew l-għeluq ta' attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra f'dawn it-territorji;	(c) valutazzjoni ***tal-impatt*** tal-isfidi ta' tranżizzjoni ffaċċjati mit-territorji milquta l-aktar ħażin, inkluż l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, li tidentifika l-għadd potenzjali ta' impjiegi milquta u t-telf ta' impjiegi, ***l-impatt potenzjali fuq id-dħul tal-gvern,*** il-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp marbuta mat-trasformazzjoni jew l-għeluq ta' attivitajiet b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra f'dawn it-territorji***, u l-isfidi rigward il-faqar enerġetiku***;

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) deskrizzjoni tal-kontribut mistenni tal-appoġġ tal-JTF biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima;	(d) deskrizzjoni tal-kontribut mistenni tal-appoġġ tal-JTF biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali, ***demografiċi,*** ekonomiċi***, tas-saħħa*** u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) valutazzjoni tal-konsistenza tiegħu ma' strateġiji u pjanijiet nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra;	(e) valutazzjoni tal-konsistenza tiegħu ma' strateġiji u pjanijiet nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra***, fejn rilevanti***;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) fejn jingħata appoġġ lil investimenti produttivi lil intrapriżi li mhumiex SMEs, lista ***eżawrjenti*** ta' dawn l-operazzjonijiet u intrapriżi u ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment;	(h) fejn jingħata appoġġ lil investimenti produttivi lil intrapriżi li mhumiex SMEs, lista ***indikattiva*** ta' dawn l-operazzjonijiet u intrapriżi u ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali appoġġ permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta għandhom jinvolvu ***lill-imsieħba*** rilevanti f'konformità mal-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid].	3. It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta għandhom jinvolvu ***lis-sħab*** rilevanti f'konformità mal-Artikolu [6] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid]***, u fejn rilevanti, il-BEI u l-FEI***.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-indikaturi tal-output, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti għal żero. It-tragwardji stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi. ***Il-miri ma għandhomx jiġu riveduti wara li t-talba għal emenda tal-programm ippreżentata skont l-Artikolu [14(2)] tar-Regolament (UE) [RDK ġdid] tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni.***	2. Għall-indikaturi tal-output, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti għal żero. It-tragwardji stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi ***tal-eżami*** tar-rapport tal-prestazzjoni finali tal-programm, ***li ma nkisibx mill-inqas 65 % tal-mira stabbilita għal indikatur ta' output jew riżultat wieħed jew aktar għar-riżorsi tal-JTF, hija*** tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji skont ***l-Artikolu [98] tar-Regolament*** (UE) [RDK ġdid] ***billi tnaqqas is-sostenn mill-JTF għall-prijorità kkonċernata b'mod proporzjonali għall-kisbiet***.	Abbażi tar-rapport tal-prestazzjoni finali tal-programm, ***il-Kummissjoni*** tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji skont ***ir-Regolament*** (UE) [RDK ġdid].

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Dispożizzjonijiet tranżitorji
	L-Istati Membri għandhom jibbenefikaw minn perjodu ta' transizzjoni sa… [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għat-tħejjija u l-adozzjoni tal-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. L-Istati Membri kollha għandhom ikunu kompletament eliġibbli għal finanzjament skont dan ir-Regolament matul dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, li ma għandux jitqies mill-Kummissjoni meta tkun qed tikkunsidra deċiżjoni dwar diżimpenn jew telf ta' finanzjament.

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b
	Rieżami
	Sa mhux aktar tard minn tmiem ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni tal-JTF u tivvaluta jekk huwiex adegwat li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu skont il-bidliet possibbli fir-Regolament (UE) 2020/852, l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni kif stipulati fir-Regolament (UE) 2020/… [il-Liġi Ewropea dwar il-Klima] u l-evoluzzjoni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jista' jiġi akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.